REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/573

tas-6 ta' Ġunju 2016

li jissupplimenta d-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji dwar rekwiżiti li jiżguraw servizzi ġusti u mhux diskriminatorji ta' kolokazzjoni u strutturi ta' tariffi

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 48(12)(d),

Billi:

(1) Huwa importanti li jiġu adottati standards tekniċi regolatorji biex jiġu identifikati b'mod ċar il-kundizzjonijiet meta l-istrutturi ta' kolokazzjoni u ta' tariffi użati minn postijiet tan-negozjar jistgħu jitqiesu ġusti u mhux diskriminatorji.

(2) Id-Direttiva 2014/65/UE testendi r-rekwiżiti relatati mal-istrutturi ta' kolokazzjoni u ta' tariffi għal faċilitajiet multilaterali tan-negozjar u faċilitajiet organizzati tan-negozjar. Għaldaqstant huwa importanti li jiġi żgurat li dawn iċ-ċentri jkunu wkoll fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(3) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet armonizzati, għandhom japplikaw rekwiżiti komuni għat-tipi kollha ta' servizzi ta' kolokazzjoni u għaċ-ċentri tan-negozjar li jorganizzaw iċ-ċentri tad-dejta tagħhom stess jew li jużaw iċ-ċentri tad-dejta li huma ġestiti jew huma proprjetà ta' partijiet terzi.

(4) Iċ-ċentri tan-negozjar għandu jkollhom l-abbiltà li jiddeterminaw il-politika kummerċjali tagħhom f'dak li għandu x'jaqsam mal-kolokazzjoni u jiddeterminaw lil liema tipi ta' parteċipanti fis-suq iridu jagħtu aċċess għal dawk is-servizzi diment li l-politika kummerċjali tagħhom tkun ibbażata fuq kriterji oġġettivi, trasparenti u mhux diskriminatorji. Iċ-ċentri tan-negozjar ma għandhomx ikunu meħtieġa li jestendu l-kapaċitajiet ta' kolokazzjoni tagħhom lil hinn mil-limiti tal-ispazju, tal-enerġija, tat-tkessiħ jew faċilitajiet simili disponibbli u għandu jkollhom id-diskrezzjoni li jiddeċiedu jekk għandhomx jespandu l-ispazju ta' kolokazzjoni tagħhom jew le.

(5) Servizzi ġusti u mhux diskriminatorji ta' kolokazzjoni u ta' tariffi jirrikjedu ċertu livell ta' trasparenza suffiċjenti sabiex jiżguraw li ma ssirx ċirkomvenzjoni tal-obbligi stabbiliti fid-Direttiva 2014/65/UE. Għalhekk, iċ-ċentri tan-negozjar għandhom jużaw kriterji oġġettivi meta jiġu ddeterminati roħsijiet, inċentivi u diżinċentivi.

(6) L-istrutturi ta' tariffi li jikkontribwixxu għall-kundizzjonijiet li jwasslu għal kundizzjonijiet ta' negozjar diżordinati permezz tal-inkoraġġiment ta' negozjar intensiv u li jista' jwassal għal stress fl-infrastrutturi tas-suq għandhom jiġu pprojbiti. Għaldaqstant, għandhom ikunu permessi skontijiet fuq il-kwantità, diment li, bħala skemi ta' divrenzjar tal-prezzijiet, dawn ikunu bbażati fuq il-volum totali tan-negozjar, l-għadd totali tan-negozjar jew it-tariffi akkumulati tan-negozjar iġġenerati minn membru wieħed fejn in-negozjar marġinali eżegwit sussegwentament biex jintlaħaq il-limitu biss ikun eżegwit bi prezz imnaqqas.

(7) Għal raġunijiet ta' konsistenza u sabiex ikun żgurat il-funzjonament bla xkiel tas-swieq finanzjarji, jeħtieġ li d-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament u d-dispożizzjonijiet nazzjonali relatati li jittrasponu d-Direttiva 2014/65/UE japplikaw mill-istess data.

(8) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji sottomess mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq lill-Kummissjoni.

(9) L-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq wettqet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji li fuqhom huwa bbażat dan ir-Regolament, analizzat il-kosti u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbet l-opinjoni tal-Grupp tal-Partijiet Konċernati tat-Titoli u s-Swieq stabbilit mill-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2],

[1] ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349.

[2] Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Servizzi ġusti u mhux diskiminatorji ta' kolokazzjoni

1. Iċ-ċentri tan-negozjar li jipprovdu s-servizzi ta' kollokazzjoni għandhom, fi ħdan il-limiti tal-ispazju, tal-enerġija, tat-tkessiħ u faċilitajiet simili disponibbli, jiżguraw li dawn is-servizzi jkunu pprovduti b'mod ġust u mhux diskriminatorju kif stabbilit fil-paragrafi 2, 3 u 4 fir-rigward ta':

(a) iċ-ċentri tad-dejta li huma ġestiti minnhom u li huma proprjetà tagħhom stess;

(b) iċ-ċentri tad-dejta li huma proprjetà tagħom stess u li huma ġestiti minn parti terza magħżula minnhom;

(c) iċ-ċentri tad-dejta li huma ġestiti u huma proprjetà ta' parti terza li ċ-ċentru tan-negozjar ikollu arranġament ta' esternalizzazzjoni magħha għall-organizzazzjoni kemm tal-eżekuzzjoni tal-infrastruttura taċ-ċentru tan-negozjar kif ukoll tal-aċċess ta' viċinanza għalih;

(d) servizzi ta' proximity hosting li huma ġestiti u li huma proprjetà ta' parti terza b'arranġament kuntrattwali ma' ċentru tan-negozjar.

2. Iċ-ċentri tan-negozjar għandhom jipprovdu lill-utenti kollha li jkunu abbonaw għall-istess servizzi ta' kolokazzjoni l-aċċess għan-network tagħhom taħt l-istess kundizzjonijiet, inkluż fir-rigward tal-ispazju, tal-enerġija, tat-tkessiħ, tat-tul tal-kejbil, tal-aċċess għad-dejta, tal-konnettività tas-suq, tat-teknoloġija, tal-appoġġ tekniku u tat-tipi ta' messaġġi.

3. Iċ-ċentri tan-negozjar għandhom jieħdu l-passi kollha raġonevoli biex jagħmlu monitoraġġ tal-konnessjonijiet u tal-kejl tal-latenza kollha sabiex jiżguraw it-trattament mhux diskriminatorju tal-utenti kollha tas-servizzi ta' kolokazzjoni li għandhom l-istess tip ta' aċċess għal-latenza.

4. Iċ-ċentri tan-negozjar għandhom jagħmlu disponibbli servizzi ta' kolokazzjoni individwali, mingħajr l-ebda rekwiżit biex jinxtraw servizzi magħquda.

Artikolu 2

Trasparenza fil-forniment tas-sreizzi ta' kolokazzjoni

Iċ-ċentri tan-negozjar għandhom jippubblikaw din l-informazzjoni dwar is-servizzi ta' kolokazzjoni tagħhom fuq is-siti web tagħhom:

(a) lista ta' servizzi pprovduti li tagħti informazzjoni dwar l-ispazju, l-enerġija, it-tkessiħ, it-tul tal-kejbil, l-aċċess għad-dejta, il-konnettività tas-suq, it-teknoloġija, l-appoġġ tekniku, it-tipi ta' messaġġi, it-telekomunikazzjoni u prodotti u servizzi relatati;

(b) l-istruttura tat-tariffi għal kull servizz kif stabbilit fl-Artikolu 3(2);

(c) il-kundizzjonijiet għall-aċċess għas-servizz, inklużi r-rekwiżiti tal-IT u arranġamenti operazzjonali;

(d) it-tipi differenti ta' latenza ta' aċċess disponibbli;

(e) il-proċedura għall-allokazzjoni tal-ispazju ta' kolokazzjoni;

(f) ir-rekwiżiti għal forniturи ta' parti terza ta' servizzi ta' kolokazzjoni, fejn applikabbli.

Artikolu 3

Tariffi ġusti u mhux diskriminatorji

1. Iċ-ċentri tan-negozjar għandhom iżommu l-istess tariffa u jipprovdu l-istess kundizzjonijiet għall-utenti kollha tal-istess tip ta' servizzi bbażati fuq kriterji oġġettivi. Iċ-ċentri tan-negozjar għandhom jistabbilixxu strutturi ta' tariffi differenti għall-istess tip ta' servizzi biss fejn dawn l-istrutturi ta' tariffi jkunu bbażati fuq kriterji mhux diskriminatorji, oġġettivi u li jistgħu jitkejlu, li għandhom x'jaqsmu ma':

(a) il-volum totali nnegozjat, in-numri ta' tariffi ta' negozji jew negozji kumulati;

(b) is-servizzi jew il-pakketti ta' servizzi pprovduti miċ-ċentru tan-negozjar;

(c) l-ambitu jew il-qasam tal-użu mitlub;

(d) il-provvista ta' likwidità skont l-Artikolu 48(2) tad-Direttiva 2014/65/UE jew f'kapaċità ta' ġeneratur tas-suq kif definit fl-Artikolu 4(1)(7) tad-Direttiva 2014/65/UE;

2. Iċ-ċentri tan-negozjar għandhom jiżguraw li l-istruttura tat-tariffi tkun granulari biżżejjed biex tippermetti li l-utenti jipprevedu t-tariffi pagabbli fuq il-bażi ta' mill-inqas dawn l-elementi:

(a) servizzi bi ħlas, inkluż l-attività li tikkaġuna t-tariffa;

(b) it-tariffa għal kull servizz, li tiddikjara jekk it-tariffa tkunx fissa jew varjabbli;

(c) roħsijiet, inċentivi jew diżinċentivi.

3. Iċ-ċentri tan-negozjar għandhom jagħmlu disponibbli s-servizzi individwali mingħajr ma jiġu rraggruppati ma' servizzi oħrajn.

Artikolu 4

Trasparenza tal-istrutturi tat-tariffi

Iċ-ċentri tan-negozjar għandhom jippubblikaw il-kriterji oġġettivi għall-istabbiliment tat-tariffi tagħhom u l-istrutturi tat-tariffi u kundizzjonijiet oħrajn previsti fl-Artikolu 3, flimkien ma' tariffi ta' eżekuzzjoni, tariffi anċillari, roħsijiet, inċentivi u diżinċentivi f'dokument wieħed komprensiv u pubblikament aċċessibbli fuq is-sit web tagħhom.

Artikolu 5

Strutturi ta' tariffi pprojbiti

Iċ-ċentri tan-negozjar ma għandhomx joffru lill-membri, lill-parteċipanti jew lill-klijenti tagħhom struttura ta' tariffi fejn, ladarba n-negozji tagħhom jaqbżu ċertu limitu, in-negozji kollha tagħhom jibbenefikaw minn tariffa aktar baxxa għal perjodu definit, inklużi dawk in-negozji li jkunu saru qabel ma jkun intlaħaq dan il-limitu.

Artikolu 6

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan japplika mit-3 ta' Jannar 2018.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Ġunju 2016.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER